San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 52 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-Ġimgħa 19 ta' Dicembru 2014 fil 5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

Prezenti ghal-laqgha:-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Raymond Tabone | Sindku |
| 2. | Graziella Galea | Kunsilliera |
| 3. | Mario Salerno | Kunsillier |
| 4. | Anne Fenech | Kunsilliera |
| 5. | Mario Buhagiar | Kunsillier |
| 6. | Oliver Mallia | Kunsillier |
| 7. | Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| 8. | Daniel Grima | Kunsillier |
| 9. | Robert Piscopo | Kunsillier |

Skuzati

| | | |
|---|---|---|
| 10 | Peter Abela | Kunsillier |
| 11 | John Bray | Kunsillier |
| 12 | Alex Bezzina | Vici Sindku |
| 13 | Jane Chircop | Kunsillier |

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

Bdiet il-laqgha billi nfethu t-tenders tal-ghazla ta' accountant u tat-transport tal-anzjani. Prezenti kien hem mil-Kunsilliera Mandy Buhagiar, Mario Buhagiar, Mario Salerno, Anne Fenech, Graziella Galea u s-Sindku.

Trasport – tenders sottomessi – 3

1. David Frendo - €12 daily – 14 seater.
2. Emanuel Mifsud €53.10 – 16 seater.
3. James Camilleri - Option A €20 per trip 18 seater extra pax plus 1.25 extra per trip.
   Option B €12.50 per trip containing 10 persons.
   11.75 per trip containing 11 persons
   15 euros per trip containing 12 persons.

Accountant – tenders sottomessi 4

1. Nexia BT – Hrly rate €24.95 annual fee €6487
2. Paul Mifsud – Hrly rate €24.75 annual fee €6435
3. Romina Perici – Hrly rate €23 annual fee €5890
4. Grant Thornton – Hrly rate €23.60 annual fee €6136

Il-laqgha bdiet fis-1755.
Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lill kulhadd tal-attendenza u beda l-laqgha skond l-aġenda. .

1. **Approvazzjoni tal-minuti.**

Billi l-minuti tal-laqgħa preċedenti ġew ċirkulati minn qabel, dawn ittieħdu bħala moqrija u biex isiru dawn il-korrezjonijjiet kif gejjin:-

Il-minuti ġew approvati minn dawk kollha preżenti.

---

Pagna 2 Item 13 taqra – Triq il-Gdida ta' wara l-knisja tal-Qawra.
Graziella Galea - talbet lista tal-bankini li qed isiru.
Item 21 Graziella, Daniel u Anne Astjenew.
Item 24 banner ta 4 mwiezeb biss qalet Anne
Item 26 jizdied il-Kunsillier Daniel Micallef.
Mandy Buhagiar – Item 42 It-Trejqa ta' wara l-knisja jitwahhal dawl ghax tintuza minn hafna tfal huma u gejnin mill knisja u hija ta periklufid- dlam Mal Knisja tal-parrocca Massimiljano Kolbe il-Knsill kellu jsellef fustun tal-milied docorattiv li kellu jingieb u jitwahhal min-nies tal-kniesja stess.

**Punti li joħorġu mill-minuti**

2. Fuljett tal-Kunsill.
   Is-Sindku Raymond Tabone qal li l-fuljett tal-Kunsill huwa lest u ser jitqassam minnufih.

3. Garaxijiet –Blue Waters . Il-Kunsillier Daniel Grima staqsa jekk hux possibli jibdew jintuzaw dawn il-garaxxijiet. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li dawn il-garaxxijiet m;ghandhomx biebien u ghaldaqstant lanqas bhala *store* ma' jistghu jintuzaw.

**Skeda tal-Ħlasijiet**.

Is-Sindku Raymond Tabone talab għall-approvazzjoni tal-iskeda kif proponuta – kulħadd approva minbarra Graziella Galea, Anne Fenech u Daniel Grima

**Korrispondenza.**

4. Mizura 125 - Irċevejna korrispondenza li din il-mizura spiccat ghax ma' gietx accettata minhabba li kien hemm hafna nformazzjoni nieqsa u skorretta meta saret l-applikazzjoni ghall-fondi f' legislaturi precedent.
5. Estensjoni tal-bankina quddiem Oasi del Gelato – tittiehed decizjoni f'seduta ohra.
6. Struttura ta' trampoline ghat-tfal. Saret talba minghand is-Sur Piere Pace biex terga' tigi armata struttura gdida ta' trampoline ghat-tfal min Lulju sa' Awissu ta' kull sena. Kien hemm qbil fuq dan diment li jinzamm il-post sikur u nadif matul is-sena kollha.
7. Talba ghall struttura ohra ta' trampoline fejn Ta' Fraben – kien hemm qbil li tintalab aktar informazzjoni ta' fejn ezattament qed issir it-talba.
8. Dahlet korrispondenza minghand l-MTA fejn il-Kunsill gie mgharraf li ser jibda x-xoghol fuq il-progett ta' Triq il-Luzzu.
9. Waslet talba minghand tal-Banda biex jithallsu €600 ta' purcissjoni tal-Bambin fi zmien il-Milied. Din giet approvata unanimament.
10. Bankijiet tal-promenade. Is-Sindku Raymond Tabone qal li x-xoghol ta' bdil ta' bankijiet matul il-promenade ta' Bugibba spicca ghax inbidlu kollha.
11. Bankijiet fuq il-belvedere. Oliver Mallia qal li twahlu wkoll bankijiet fuq il-belvedere tal-by pass propjament fin-naha tal-parkegg.
12. Is-Sindku Raymond Tabone qal li ser jibda x-xoghol biex jizdied aktar parkegg. Bhalissa ghandna l-permessi biex jibda x-xoghol quddiem il-Harmony Kiosk u Mary Doris Zarb.
13. Persuni bi bzonnijiet specjali assenjati mall-Kunsill. Billi kienet ser issir petizjoni ghar-rigward ta' persuni bi bzonnijiet specjali li huma assenjati mall-Kunsill, is-Segretarju Ezekuttiv gie mitlub biex jitlob rapport minghand l-iskrivani u jintbghat kemm lid-dipartiment kif ukoll lill KNDP.Il-Kunsillier Mario Salerno qal li huwa talab biex jintbghat ghalliem biex juri kif l-iskrivani ghandhom jahdmu ma' niex bi bzonnijiet specjali. Kunsilliera Mandy Buhagiar qalet li l-iskrivani ghandhom dritt jipprezentaw petizzjoni minhabba li meta kienet fil-Kunsill hija, kien hemm storbju shih meta ma' kienx hemm is-Segretarju Ezekuttiv.
14. Bandli tat-Thassalin. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li wara li gie konfermat li mhux ser ikun hemm aktar zviluppi tal-iskola primarja, ser jibda x-xoghol fuq il-bandli tat-Thassalin, ghaldaqstant ghanda ssir laqgha mall Perit biex jibda x-xoghol fuq il-bandli u tinstab soluzjoni biex jitranga l-access ghall persuni bi bzonnijiet specjali fil-club tal-bocci li ghadu mhux konformi u ccertifikat mill-KNDP.

**Interventi tal-Kunsilliera.**

15. Graziella Galea talbet biex issir bankina gdida fi Triq Port Ruman, ohra fil-main road ta' Burmarrad li ser tinkiteb ittra lill Perit ta' TM ghax hija triq arterjali u li ssir zebra crossing fejn it-tarag f' Burmarrad ukoll. Hija qalet ukoll li fuq il-Bring in-site ta' Port Ruman ma' hemmx dawl. Talbet ukoll biex il-billboard ta' quddiem il-knisja f' Burmarrad jitnehha.
16. Anne Fenech qalet li twettaq vandalizmu fuq il-Christmas Tree u tqacctu l-wires . Hija qalet li marret ghand il-pulizija biex isir rapport. Hija kompliet tghid li hemm diversi wardens li qed iwaqqfu karozzi f' nofs it-toroq u fit-triq principali bil-konsegwenza li jzommu hafna traffiku. Peress li bdiet diskussjoni shiha fuq il-hidma tal-Wardens fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar – gie deciz li tinkiteb ittra lit-tribunal biex jekk huwa possibli jitnaqsu s-sighat tal-wardens fil-lokalita. Grazieall Galea qalet li ghalkemm hi taqbel ma' dan , ghandu jsir ghall zmein bi prova. Kulhadd qabel u gie deciz li ssir it-talba.
17. Mario Buhagiar qal li ghandu jkun hemm zewg wardens ghassa fejn il-prinjoli ta' Wied Rihana f'Burmarrad ghax qed jintefa' hafna zibel. Huwa kompla jistaqsi meta ser jibda l-progett ta' tisbieh fil-Housing ta' Erba Mwiezeb. Is-Sindku Raymond Tabone qal li qabel is-sajf li gej ghandu jkun lest.

18. Mario Salerno qal li ghandna bzonn persuna biex tiehu hsieb applikazzjonijiet tal-EU biex il-Kunsill ikun jista' jgawdi minn diversi skemi li johorgu minn zmien ghal zmien. Is-Sindku Raymond Tabone qabel ma' dan u spjega li wasal iz-zmien li titqabbad persuna fuq danw l-iskemi.

19. Mandy Buhagiar qalet li se jsir feature fuq San Pawl il-Bahar u spjegat li l-produtturi ser joffru 3 minuti ta' filma b'xejn ghall Kunsill. Kompliet tghid ukoll li hemm bzonn titranga l-bankina quddiem il-Knisja tal-Karmnu fi Triq San Pawl. Waqt l-attivita tal-Christmas Village spjegat li kien hemm rispons posittiv minghand in-nies tant li kien hemm suggerimenti biex l-attivita ssir fuq jumejn jew tlieta. Matul il-laqgħa Mandy Buhagiar spjegat b'mod ċar it-tħassib taghha rigward din il kwistjoniji li nqalghet fuq persuni bi bzonnijiet specjali. Hija thoss li kien żbaljat li l-istaff tal Kunsill gew inkriminati mingħajr ma' l-ewwel inagħtalhom l-opportunità li jispjegaw lilhom infushom. Din il-kwistjoni kienet magħmula pubblika qabel smigħ tal-persuni koncernati. Il-haddiema tal-Kunsill tqeghdu f'dawl ħażin u lanqas bis ingħataw l-opportunità biex jispjegaw ruhom. Hija qalet li qatt ma' kienet preżenti imma kienet fuq it-telefon mal-ufficju tal-Kunsil meta instemghet aġitazzjoni. Hekk b'mod ċar kien jider li jeħtieġ li titieħed azzjoni għall-beneficċju ta 'kull min hu ikkonċernat. F' kwalunkwe każ hija temmen li l-haddiema għandhom kull dritt li jressqu għall-attenzjoni tal-kunsill kwistjonijiet li jistgħu jkunu ta 'tħassib ghalihom. F'dan il kas il kunsilliera kollha inzammu fid-dlam u setghaw biss jaghmlu gudizju milli nstema fil-midja. Kompliet tghid li nnutajt ukoll il-ħidma li l-Kunsill qed jagħmel fir-rigward il-bankini tal lokalita. Talbet dwar il-possibbiltà li il kunsil jingħata lista ta bankini li ser jsiru. Dan peress li l-Kunsilliera ma jkunux konxji tal-kriterji li qed jintuzaw biex jintghazlu il bankini li ser issiru .
Is-Sindku Raymond Tabone wiegeb li l-bankini li qed isiru huma dawk il-bankini li huma fi stat perikoluz jew li qatt ma' saru. Matul l-aġġornamenti, Mandy Buhagiar staqsiet dwar il-possibbiltà ta 'installazzjoni ta 'sleeping police' fit Triq il-Luzzu ħdejn bar Bahhara. Matul il-laqgħa l-Kunsilliera Buhagiar talbet biex tinghata l-approvazzjoni tal-Kunsill għat- trasport ta' grupp ta 'tfal mil ' Qawra Life Youth group' biex jattendu Istrina u jiprezentaw donazzjoi ta' Euro 500 li ngabru waqt il Qawra Christmas Village.

20. Oliver Mallia qal li fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar ghandna 4 gibjuni li saru fit-tminijiet u li bhalissa ghandhom bzonn tindifa halli jingabar l-ilma u jkun jista' jigi uzat ghall-uzu tal-Kunsill. Huwa kompla jghid ukoll li s-sigar tal-palm ghandhom jizzejnu b'rope lights u talab lill Kunsill l-approvazzjoni biex jitlob lill kuntrattur stima u huwa jiehu hsieb jara li jsiru sigar bi prova b'dan id-dawl dekorattiv.

21. **Aġġornament tal-laqgħa**. Il-laqgħa intemmet fid-8.22pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 30 ta' Jannar fil-5.30pm.

Raymond Tabone MSc. (Leicester), Dip. Mangt. Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop LIMIS, MBA, MPHIL (Maastricht)
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.